

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.6544 – Royal Bank of Canada/RBC Dexia Investor Services Limited)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)****(2012/C 110/08)**

1. Fl-4 ta' April 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha r-Royal Bank of Canada ("RBC", il-Kanada) jakkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklussiv ta' RBC Dexia Investor Services Limited ("RBC Dexia", ir-Renju Unit) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għar-RBC: kumpanija tas-servizzi finanzjarji attiva fis-servizzi bankarji personali u kummerċjali, is-servizzi tal-ġestjoni tal-ġid, l-assikurazzjoni, is-servizzi bankarji korporattivi u tal-investimenti u s-servizzi tal-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet fuq bażi globali,
- għal RBC Dexia: attwalment kumpanija ta' impriża konġunta bejn RBC u Dexia SA, attiva fil-kustodja globali, l-amministrazzjoni tal-fondi u l-pensjonijiet, is-self tat-titoli, is-servizzi tal-azzjonisti, l-analiżi finanzjarja u servizzi relatati oħra.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6544 – Royal Bank of Canada/RBC Dexia Investor Services Limited, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").